Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Settembru 2011

dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 6426)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/630/UE)

(ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/415/UE tat-18 ta' Lulju 2012	L 194	26	21.7.2012
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M3**	Deċiżjoni ta' 2014/199/UE Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2014	L 108	56	11.4.2014

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Settembru 2011

dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 6426)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/630/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 88/407/KEE tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-importazzjonijiet, minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni, ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini. Hi tistipula li s-semen biss li jiġi minn pajjiż terz inkluż f'lista ta' pajjiżi terzi mfassla skont dik id-Direttiva u akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jikkorrespondi mal-mudell imfassal ukoll skont dik id-Direttiva, għandu jiġi importat fl-Unjoni. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jiċċertifika li s-semen ikun ġej minn ċentri għall-ġbir u l-ħażna tas-semen, li joffru l-garanziji previsti fl-Artikolu 9(1) ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/639/KE tas-6 ta' Settembru 2004 li tniżżel il-kondizzjonijiet ta' importazzjoni tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat ([2]), attwalment tistabblixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, fl-Anness I magħha.

(3) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 88/407/KEE, Stat Membru jista' jawtorizza l-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini biss minn dawk il-pajjiżi terzi elenkati f'lista li għandha titfassal skont dik id-Direttiva. Biex jiġi deċiż jekk pajjiż terz għandux jiġi inkluż f'tali lista, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għal diversi kondizzjonijiet, bħal pereżempju l-istat tas-saħħa tal-annimali.

([1]) ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10.
([2]) ĠU L 292, 15.9.2004, p. 21.

▼B

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja ([1]) irrevoka u ssostitwixxa d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tfassal lista ta' pajjiżi terzi, u tistabbilixxi kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali u pubblika u veterinarja, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ([2]). Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-introduzzjoni tal-ungulati fl-Unjoni, fl-Anness I miegħu. Il-kondizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-ungulati, stipulati f'dak ir-Regolament, huma simili għall-kondizzjonijiet għall-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, stipulati fid-Direttiva 88/407/KEE.

(5) Ma teżistix evidenza xjentifika li tissuġġerixxi li, fir-rigward ta' mard importanti eżotiku li jittieħed, ir-riskji li jirriżultaw mill-istat tas-saħħa tad-donatur bovin masikili jistgħu jitnaqqsu permezz ta' trattament tas-semen. Għaldaqstant, il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen għandha tkun ibbażata fuq l-istat tas-saħħa tal-annimali tal-pajjiżi terzi, li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' annimali domestiċi ħajjin tal-ispeċi tal-bovini. Il-lista stabbilita fl-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 tinkludi ċ-Ċilì, l-Islanda u Saint Pierre u Miquelon. Għalhekk, dawk il-pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi wkoll fil-lista stabbilita fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/639/KE.

(6) Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 1 tal-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE, jinkludi l-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini fl-Unjoni. Attwalment, il-kondizzjonijiet għal-lewkoża enżootika bovina u l-marda tal-emorraġija epiżootika f'dak iċ-ċertifikat mhumiex totalment konsistenti ma' dawk stipulati fil-Kapitolu I.1(c) tal-Anness B mad-Direttiva 88/407/KEE u fil-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE). Konsegwentement, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jiġi emendat biex tiġi kkunsidrata dik id-dispożizzjoni ta' dik id-Direttiva u dak il-Manwal.

(7) Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 3 tal-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE japplika għal importazzjonijiet ta' semen u semen fi tranżitu ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, mibgħut minn ċentru għall-ħażna tas-semen jew ċentru għall-ġbir tas-semen, miġbur u proċessat skont il-kondizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE ([3]), jew proċessat u maħżun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 skont id-dispożizjonijiet tad-Direttiva 88/407/KEE li tapplika sal-1 ta' Lulju 2003, u impurtat wara l-31 ta' Diċembru 2004 skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/43/KE.

([1]) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.
([3]) ĠU L 143, 11.6.2003, p. 23.

▼B

(8) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà sħiħa tas-semen, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 3 tal-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE, għandu jiġi ssupplimentat b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni addizzjonali u jintuża biss għall-kummerċ fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, miġbur fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen u mibgħut minn ċentru għall-ħażna tas-semen, sew jekk dawn tal-aħħar jagħmlu parti minn ċentru għall-ġbir tas-semen approvat b'numru ta' approvazzjoni differenti, u sew jekk le. Konsegwentement, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 3 tal-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE għandu jiġi adattat kif xieraq bid-Deċiżjoni.

(9) Huwa neċessarju wkoll li b'din id-Deċiżjoni jiġu adattati d-dati fit-titli tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 2 u l-Parti 3 tal-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE, li tirrigwarda l-istokkijiet tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel il-31 ta' Diċembru 2004, biex jiġu riflessi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/43/KE.

(10) Ġew konklużi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u ċerti pajjiżi terzi, li jinkludu ċerti kondizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini. Għalhekk, fejn il-ftehimiet bilaterali jinkludu kondizzjonijiet speċifiċi u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet, dawk il-kondizzjonijiet u l-mudelli għandhom japplikaw minflok il-kondizzjonijiet u l-mudelli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(11) Il-Kanada ġiet rikonoxxuta, abbażi tad-Direttiva 88/407/KEE, bħala pajjiż terz bi stat tas-saħħa tal-annimali ekwivalenti għal dak tal-Istati Membri għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini.

(12) Huwa għalhekk xieraq li s-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini miġbur fil-Kanada u importat fl-Unjoni minn dak il-pajjiż terz ikun akkumpanjat minn ċertifikat issimplifikat imfassal skont il-mudell stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/290/KE tal-4 ta' April 2005 dwar ċertifikati ssimplifikati għall-importazzjoni fis-semen tal-annimali tal-ifrat u laħam frisk tal-majjal mill-Kanada u li temenda d-Deċiżjoni 2004/639/KE [1] stabbilita skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji għall-protezzjoni tal-pubbliku u s-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali [2], kif approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE [3].

[1] ĠU L 93, 12.4.2005, p. 34.
[2] ĠU L 71, 18.3.1999, p. 3.
[3] ĠU L 71, 18.3.1999, p. 1.

▼B

(13) L-iżvizzera hija pajjiż terz bi stat tas-saħħa tal-annimali li huwa ekwivalenti għal dak tal-Istati Membri. Huwa għalhekk xieraq li s-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini impurtat fl-Unjoni mill-Iżvizzera jkun akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mfassal skont il-mudelli użati għall-kummerċ fl-Unjoni fis-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, stabbiliti fl-Anness D mad-Direttiva 88/407/KEE, bl-adattamenti stabbiliti fil-punt 4 tal-Kapitolu VII(B) tal-Appendiċi 2 tal-Anness 11 mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera għall-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, kif approvata bid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera ([1]).

(14) Għall-finijiet ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni ċara u konsistenti, id-Deċiżjoni 2004/639/KE għandha tiġi revokata u sostitwita minn din id-Deċiżjoni.

(15) Sabiex jiġi evitat kull tip ta' taqlib fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa skont id-Deċiżjoni 2004/639/KE għandu jkun awtorizzat matul perjodu tranżitorju, suġġett għal ċerti kondizzjonijiet.

(16) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (semen).

Hija tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet tas-semen fl-Unjoni.

Artikolu 2

Importazzjonijiet tas-semen

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen, sakemm dan ikun konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun ġej minn pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I;

(b) ikun ġej minn ċentru għall-ġbir u l-ħażna tas-semen elenkat skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE;

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.

▼B

(c) ikun akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mfassal skont iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li ġejjin, stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness II, u mimlija skont in-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness:

(i) Il-mudell 1, kif stabbilit fit-Taqsima A, għas-semen miġbur, proċessat u maħżun skont id-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata mid-Direttiva 2003/43/KE, mibgħut minn ċentru għall-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen;

(ii) Il-mudell 2, kif stabbilit fil-Parti B, għall-istokkijiert tas-semen miġbur, proċessat u maħżun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 88/407/KEE li tapplika sal-1 ta' Lulju 2004, u importat wara l-31 ta' Diċembru 2004 skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/43/KE, mibgħut minn ċentru għall-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen;

(iii) Il-mudell 3, kif stabbilit fit-Taqsima C, għas-semen u l-istokkijiet tas-semen imsemmija f'(i) u (ii), mibgħuta minn ċentru għall-ħażna tas-semen.

(d) jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fil-punt (c).

2. Fejn il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali u ta' ċertifikazzjoni huma stipulati fi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, dawk il-kondizzjonijiet għandhom japplikaw minflok il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

Il-kondizzjonijiet rigward it-tasport tas-semen lejn l-Unjoni

1. Is-semen u l-istokkijiet tas-semen imsemmija fl-Artikolu 2 ma għandhomx jiġu trasportati fl-istess kontenitur bħal kunsinni oħra ta' semen li:

(a) ma jkunx maħsub għal introduzzjoni fl-Unjoni; jew

(b) li jgawdi stat tas-saħħa iktar baxx.

2. Waqt it-trasport lejn l-Unjoni, is-semen u l-istokkijiet tas-semen għandhom jitqiegħdu f'kontenituri magħluqa u ssiġillati u s-siġill ma għandux jinkiser waqt it-trasport.

Artikolu 4

Revoka

Id-Deċiżjoni 2004/639/KE hija revokata.

▼B

Artikolu 5

Dispożizzjoni tranżitorja

Għal perjodu tranżitorju sat-30 ta' April 2012, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen u l-istokkijiet tas-semen minn pajjiżi terzi, li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2012, skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/639/KE.

Artikolu 6

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2011.

Artikolu 7

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M3

ANNESS I

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini

Il-kodiċi ISO	Isem il-pajjiż terz	Kummenti	
		Deskrizzjoni tat-territorju (jekk inhu xieraq)	Garanziji addizzjonali
AU	L-Awstralja		Il-garanziji addizzjonali dwar it-testijiet stabbiliti fil-punt II.5.4.1 u fil-punt II.5.4.2 taċ-ċertifikat fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness II huma obbligatorji.
CA	Il-Kanada ([1])	It-territorju kif deskritt bħala CA-1 fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.	
CH	L-Isvizzera ([2])		
CL	Iċ-Ċilì		
GL	Il-Groenlandja		
IS	L-Islanda		
NZ	In-New Zealand		
PM	Saint Pierre u Miquelon		
US	L-Istati Uniti		Il-garanziji addizzjonali dwar it-testijiet stabbiliti fil-punt II.5.4.1 u fil-punt II.5.4.2 taċ-ċertifikat fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness II huma obbligatorji.

([1]) Il-mudell taċ-ċertifikat li jrid jintuża għall-importazzjonijiet mill-Kanada hu stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/290/KE tal-4 ta' April 2005 dwar ċertifikati ssimplifikati għall-importazzjoni fis-semen tal-annimali tal-ifrat u laħam frisk tal-majjal mill-Kanada u li temenda d-Deċiżjoni 2004/639/KE (għas-semen miġbur fil-Kanada biss) u dan hu stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-miżuri sanitarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali fir-rigward tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u l-prodotti mill-annimali, kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE.

([2]) Il-mudell taċ-ċertifikati li jridu jintużaw għall-importazzjonijiet mill-Isvizzera huma stabbiliti fl-Anness D tad-Direttiva 88/407/KEE, bl-adattamenti stabbiliti fil-punt 4 tal-Kapitolu VII(B) tal-Appendiċi 2 tal-Anness 11 ta' dan il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli, kif approvat bid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera.

▼B

ANNESS II

PARTI 1

Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet tas-semen u semen fi tranżitu u ta' stokkijiet tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini

▼M3

TAQSIMA A

Il-mudell 1 — Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali applikabbli għal importazzjonijiet fl-Unjoni u tranżitu fiha ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini miġbur, proċessat u maħżun skont id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, mibgħut minn ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen

IL-PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar il-konsenja mibgħuta

I.1. Il-Kunsinnatur
L-Isem
L-indirizz

In-numru tat-telefown

I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.2.a.

I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali

I.4. L-awtorità kompetenti lokali

I.5. Id-destinatarju
L-Isem
L-indirizz

Il-kodiċi postali
In-numru tat-telefown

I.6. Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
L-Isem
L-indirizz

Il-kodiċi postali
In-numru tat-telefown

I.7. Il-pajjiż tal-oriġini Il-kodiċi ISO I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Il-kodiċi

I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni Il-kodiċi ISO I.10. Ir-reġjun tad-destinazzjoni Il-kodiċi

I.11. Il-post tal-oriġini

L-Isem In-numru tal-approvazzjoni
L-indirizz

I.12. Il-post tad-destinazzjoni

L-Isem
L-indirizz

Il-kodiċi postali

I.13. Il-post tat-tagħbija

I.14. Id-data tat-tluq

I.15. Il-mezz tat-trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐
Identifikazzjoni
Referenzi dokumentarji

I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi HS):
05 11 10

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. L-għadd ta' pakketti

I.23. In-numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz Il-kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi Kwantità (b'kollox)
(L-isem xjentifiku)

L-identità tad-donatur	Identifikazzjoni tat-tubu/i straw	Id-data/i tal-ġbir	Informazzjoni dwar	
			BT(6)	EHD(7)

▼M3

IL-PAJJIŻ **Semen tal-bovini — Taqsima A**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Informazzjoni dwar is-saħħa**	**II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat**	**II.b.**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. .....

(isem il-pajjiż esportatur) ([2])

kien ħieles mill-pesta tal-ifrat u mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer fit-12-il xahar eżatt qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data meta ntbagħat lejn l-Unjoni, u fl-istess perjodu ma ngħatax tilqim għal dan il-mard.

II.2. Iċ-ċentru ([3]) deskritt fil-Kaxxa. I.11. fejn inġabar is-semen għall-esportazzjoni:

II.2.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(1) tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.2.2. jitħaddem u jiġi sorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II(1) tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE.

II.3. Iċ-ċentru fejn inġabar is-semen għall-esportazzjoni kien ħieles mir-rabja, it-tuberkulożi, il-bruċelloži, l-antraċe u l-plewropnewmonja bovina li tittieħed fit-30 jum qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u fit-30 jum wara l-ġbir (fil-każ ta' semen frisk sa meta tintbagħat il-konsenja lejn l-Unjoni).

II.4. L-annimali bovini fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.4.1. ġejjin minn merħliet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1(b) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.4.2. ġejjin minn merħliet jew twieldu minn ommijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1(c) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE, jew sarulhom it-testijiet meta kellhom tal-inqas 24 xahar skont il-paragrafu 1(c) tal-Kapitolu II tal-Anness B ta' dik id-Direttiva;

II.4.3. sarulhom it-testijiet meħtieġa skont il-paragrafu 1(d) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE fit-28 jum qabel il-perjodu ta' iżolament fi kwarantina;

II.4.4. issodisfaw il-perjodu f'iżolament ta' kwarantina u r-rekwiżiti tat-testijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(e) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.4.5. mill-anqas darba f'sena, sarulhom it-testijiet ta' rutina msemmija fil-Kapitolu II tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE.

II.5. Is-semen għall-esportazzjoni nġabar minn barrin donaturi li:

II.5.1. jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness C tad-Direttiva 88/407/KEE;

([1]) *jew* [II.5.2. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel inġabar is-semen għall-esportazzjoni;

([1]) *inkella* [II.5.2. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-anqas 30 jum qabel inġabar is-semen mid-dħul u ġew importati minn ..... ([2]) fil-perjodu ta' inqas minn sitt xhur qabel inġabar is-semen u ssodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen li jkun maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea;]

II.5.3. jikkonformaw mill-inqas ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet fejn tidħol il-marda tal-ilsien blu, kif jidher fid-dettall fit-tabella tal-punt I.28.:

([1]) *jew* [II.5.3.1. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-ilsien blue għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;]

([1]) *u/inkella* [II.5.3.2. inżammu f'perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-ilsien blu f'żona staġjonalment ħielsa għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;]

([1]) *u/inkella* [II.5.3.3. inżammu fi stabbiliment protett mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;]

([1]) *u/inkella* [II.5.3.4. sarilhom test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi għas-serogrupp tal-vajrus tal-ilsien blu, u dan f'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum matul il-perjodu kollu tal-ġbir bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-konsenja ta' semen;]

([1]) *u/inkella* [II.5.3.5. sarilhom test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-ilsien blu, u dan f'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-ġbir u fl-aħħar ġbir għal din il-konsenja ta' semen u mill-inqas kull 7 ijiem (test għall-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum, jekk it-test isir bħala reazzjoni katina tal-polimeraży (PCR), waqt il-ġbir tas-semen għal din il-konsenja ta' semen;]

II.5.4. jikkonformaw mill-inqas ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet fejn tidħol il-marda emorraġika epiżootika (EHD), kif jidher fid-dettall fit-tabella tal-punt I.28.:

([1]) *jew* [II.5.4.1. ikunu residenti fil-pajjiż esportatur li skont is-sejbiet uffiċjali ikun ħieles mill-marda emorraġika epiżootika (EHD);]

▼M3

IL-PAJJIŻ **Semen tal-bovini — Taqsima A**

II.	**Informazzjoni dwar is-saħħa**		**II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat**	**II.b.**

([1]) ([5]) *u/inkella* [II.5.4.2. ikunu residenti fil-pajjiż esportatur li skont is-sejbiet uffiċjali, fih jeżistu dawn is-serotipi tal-marda emorraġika epiżootika (EHD): ..... u kienu soġġetti, b'riżultati negattivi f'kull każ, għal dawn it-testijiet li saru f'laboratorju approvat:

([1]) *jew* [II.5.4.2.1. test seroloġiku ([4]) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serogrupp tal-vajrus tal-EHD, u dan isir fuq kampjuni tad-demm meħudin f'żewġ okkażjonijiet b'mhux aktar minn 12-il xahar bejniethom qabel dan il-ġbir tas-semen għal din il-konsenja ta' semen, u b'mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir ta' din il-konsenja ta' semen;]]

([1]) *u/inkella* [II.5.4.2.2. test seroloġiku ([4]) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serogrupp tal-vajrus tal-EHD, u dan isir fuq kampjuni tad-demm meħudin f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum tul il-perjodu tal-ġbir u bejn 21 jum u 60 jum wara l-aħħar ġbir għal din il-konsenja ta' semen.]]

([1]) *u/inkella* [II.5.4.2.3. test għall-identifikazzjoni tal-aġent ([4]) u dan isir fuq kampjuni tad-demm meħudin fil-bidu u t-tmiem, u mill-anqas kull 7 ijiem (it-test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum, jekk isir bħala PCR, waqt il-ġbir għal din il-konsenja ta' semen.]]

II.6. Is-semen għall-esportazzjoni ngħabar wara d-data li fiha ċ-ċentru ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiż esportatur.

II.7. Is-semen għall-esportazzjoni ġie proċessat, maħżun u trasportat f'kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini tad-Direttiva 88/407/KEE.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6: *Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE* trid timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu.

Kaxxa I.11: *Il-post tal-oriġini* għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen elenkat skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fil-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm u fejn inġabar is-semen.

Kaxxa I.22: *L-għadd ta' pakketti* għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23: *L-identifikazzjoni tal-kontenitur* u *n-numru tas-siġill* għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: Niżżel skont jekk iċ-ċertifikat ikunx ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.27: Niżżel skont jekk iċ-ċertifikat ikunx ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.28: Agħżel l-ispeċi minn fost "*Bos taurus*", "*Bison bison*" jew "*Bubalus bubalis*" skont il-każ.

L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata f'dan il-format: jj/xx/ssss.

Parti II:

([1]) Ħassar fejn hemm bżonn.

([2]) Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE biss.

([3]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen elenkati skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fil-websajt tal-Kummissjoni biss:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm.

([4]) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus tal-EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3 dwar il-Bluetongue tal-Manwal dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

([5]) Dan hu obbligatorju għall-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti.

([6]) B'referenza għal kull tubu straw jew qatgħa straws, indika l-kundizzjoni li tapplika (pereżempju II.5.3.1).

([7]) B'referenza għal kull tubu straw jew qatgħa straws, indika l-kundizzjoni li tapplika (pereżempju II.5.4.1 jew II.5.4.2.1).

— Il-kulur tal-firma u t-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

▼M3

IL-PAJJIŻ **Semen tal-bovini — Taqsima A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	**II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat**	**II.b.**
Il-veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kbar): Id-data: Timbru:	Kwalifika u titlu: Firma:	

▼B

TAQSIMA B

Il-mudell 2 — Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005 għall-istokkijiet tas-semen u semen fi tranżitu ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini miġbur, proċessat u maħżun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, li tapplika sal-1 ta' Lulju 2004, u importat wara l-31 ta' Diċembru 2004 skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/43/KE, mibgħut minn ċentru għall-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Tel.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.10. Reġjun tad-destination | Kodiċi

I.11. Pajjiż tal-oriġini
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐
Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐
Identifikazzjoni
Referenzi dokumentarji

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku

I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi SA)
05 11 10

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti bażiċi ċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Identità tad-donatur	Id-data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità

▼B

PAJJIŻ **Semen mill-bovini – Taqsima B**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. .....

(isem il-pajjiż esportatur) ([2])

kien/et ħieles/sa mir-rinderpest u l-marda tal-lsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar eżatt qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u saddata tal-kunsinna teigħu u ma ngħata l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul l-istess perjodu.

II.2. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar qabel il-31 ta' Diċembru 2004 fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen li:

II.2.1. jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I tal-Anness A mad-Direttiva 88/407/KEE;

II.2.2. huwa mħaddem u sorveljat skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu II tal-Anness A mad-Direttiva 88/407/KEE.

II.3. Iċ-ċentru minn fejn inġabar is-semen għall-esportazzjoni kien ħieles mir-rabies, it-tuberkulożi, il-bruċellożi, l-antraks u l-plewropnewmonja bovina li tittieħed waqt il-perjodu li jibda 30 ġurnata qabel id-data tal-ġbir tas-semen għall-esportazjjoni u t-30 ġurnata wara l-ġbir.

II.4. Meta nġabar is-semen deskritt hawn fuq, l-annimali bovini kollha li kien hemm fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen:

II.4.1. kienu ġejjin minn merħliet u/jew minn ommijiet li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1(b) u (c) tal-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 88/407/KEE;

II.4.2. ġew ittestjati, b'riżultati negattivi, fiż-żmien it-30 ġurnata qabel il-perjodu ta' kwarantina f'iżolament, għal:

— it-testijiet imsemmija fil-punti 1(d)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 88/407/KEE, u

— it-testijiet imsemmija fil-punti 1(d)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 88/407/KEE, u

— test ta' iżolament tal-vajrus (test fluworexxenti tal-antikorpi jew test immunoperoxidase) għad-dijanjosi virali bovina, deferit għall-età ta' sitt xhur fil-każ ta' annimali iżgħar;

II.4.3. għaddew mill-perjodu ta' 30 ġurnata ta' iżolament fi kwarantina u sarulhom, b'riżultati negattivi, it-testijiet tas-saħħa li ġejjin:

— test seroloġiku għall-bruċelloži mwettaq skont il-proċedura deskritta fl-Anness C mad-Direttiva 64/432/KEE;

— test immunofluworexxenti tal-antikorpi jew test tal-kultura għall-infezzjoni *Campylobacter fetus* fuq kampjun ta' materjal mill-prepuzju jew ħasliet ta' vaġina artifiċjali, jew, fil-każ ta' annimal femminili, test tal-agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali;

— eżami mikroskopiku u test tal-kultura għat-*Trichomonas foetus* fuq kampjun ta' materjal mill-prepuzju jew ħasliet ta' vaġina artifiċjali, jew fil-każ ta' annimal femminili test ta' agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali;

II.4.4. sarulhom, tal-inqas darba f'sena, it-testijiet ta' rutina msemmija fil-punti 1(a), (b) u (c) tal-Kapitolu II tal-Anness B mad-Direttiva 88/407/KEE, li taw riżultati negattivi.

II.5. Meta nġabar is-semen imsemmi hawn fuq,

II.5.1. l-annimali femminili bovini kollha fiċ-ċentru sarilhom tal-inqas darba f'sena, b'riżultati negattivi, it-test tal-agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali għall-infezzjoni *Campylobacter fetus* u

II.5.2. il-barrin kollha użati għall-produzzjoni tas-semen, taw rriżultati negattivi, f'test immunofluworexxenti tal-antikorpi jew f'test tal-kultura għall-infezzjoni *Campylobacter fetus* fuq kampjun ta' materjal mill-prepuzju jew ħasliet ta' vaġina artifiċjali, imwettqa fit-fuq kampjun ta' materjal mill-prepuzju jew ħasliet ta' vaġina artifiċjali, imwettqa fit-12-il xahar qabel il-ġbir.

II.6. Is-semen għall-esportazzjoni mkiseb minn barrin donaturi li

II.6.1. jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness C mad-Direttiva 88/407/KEE;

([1]) jew [II.6.2. kienu residenti fil-pajjiż esportatur waqt is-sitt xhur eżatt qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni;]

([1]) jew [II.6.2. ġew impurtati minn ..... ([2]) wara li qattgħu inqas minn sitt xhur fil-pajjiż esportatur u fi żmien l-importazzjoni ssodisfaw il-kondizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen, li jkun maħsub biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea;]

▼B

PAJJIŻ **Semen mill-bovini – Taqsima B**

II.6.3.	jinsabu f'ċentru għall-ġbir tas-semen li:
(1) jew	[l-ebda annimal bovin ma tlaqqam kontra r-rhinotracheitis bovina infettiva u kollha sarilhom tal-inqas darba f'sena, b'riżultati negattivi, it-test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għar-rhinotracheitis bovina infettiva/pustular vulvo-vaginitis infettiva;]
(1) jew	[l-annimali bovini li ma tlaqqmux kontra r-rhinotracheitis bovina infettiva, sarilhom tal-inqas darba f'sena, b'riżultati negattivi, test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għar-rhinotracheitis bovina infettiva/pustular vulvo-vaginitis infettiva, li fihom l-ittestjar għar-rhinotracheitis bovina infettiva ma sarx fuq il-barrin li kienu ħadu l-ewwel tilqima tagħhom kontra r-rhinotracheitis bovina infettiva fiċ-ċentru tal-inseminazzjoni wara li taw riżultati negattivi għal test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew għal test ELISA għar-rhinotracheitis bovina infettiva/pustular vulvo-vaginitis infettiva u li ġew imlaqqma mill-ġdid regolarment f'intervalli ta' mhux aktar minn sitt xhur mill-ewwel tilqima;]
(1) jew	[II.6.4. ma tlaqqmux kontra r-rhinotracheitis bovina infettiva,]
(1) jew	[II.6.4. ġew imlaqqma kontra r-rhinotracheitis bovina infettiva skont il-punt II.6.3.]
II.6.5.	jissodisfaw il-kondizzjonijiet dwar l-importazzjoni tas-semen tal-bovini stipulati fil-Kapitolu dwar il-Bluetongue tal-Kodiċi tas-Saħħa dwar l-Annimali Terrestri tal-OIE, skont l-istejtus tal-pajjiż jew iż-żona ta' residenza, ****
II.6.6.	kienu residenti fil-pajjiż tal-esportazzjoni li fih jeżistu s-serotipi li ġejjin ta' mard epiżootiku li jikkawża l-emorraġija (EHD): .....: u f'żewġ okkażjonijiet f'perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, taw riżultati negattivi, għal test tal-immunodiffużjoni bl-użu tal-agar-gel (3) u għal test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus għas-serotipi kollha tal-EHD imniżżla hawn fuq, imwettqa f'laboratorju approvat fuq kampjuni ta' demm meħuda qabel u mhux anqas minn 21 ġurnata wara l-ġbir tas-semen; ***
II.6.7.	kienu residenti fil-pajjiż tal-esportazzjoni fejn jeżistu s-serotipi li ġejjin ta' mard epiżootiku li jikkawża l-emorraġija (EHD): .....: u qabel id-dħul u f'intervalli ta' sitt xhur, sarilhom test tal-immunodiffużjoni bl-użu tal-agar-gel (3) u test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus għas-serotipi kollha tal-EHD imniżżla hawn fuq, b'riżultati negattivi, f'laboratorju approvat; **
II.6.8.	sarilhom test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-virus Akabane, f'żewġ okkażjonijiet f'perjodu ta' mhux iktar minn 12-il xahar u li ta riżultati negattivi, imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda qabel u mhux inqas minn 21 ġurnata wara l-ġbir tas-semen. *
II.7.	Is-semen għall-esportazzjoni nġabar wara d-data li fiha ċ-ċentru ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiż esportatur.
II.8.	Is-semen għall-esportazzjoni ġie proċessat, maħżun u trasportat f'kondizzjonijiet li jissodisfaw it-termini tad-Direttiva 88/407/KEE qabel ma ġiet emendata mid-Direttiva 2003/43/KE.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6: persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal prodott bażiku fi tranżitu.

Kaxxa I.11: il-post tal-oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru għall-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen.

Kaxxa I.12: post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal prodott bażiku fi tranżitu.

Kaxxa I.22: l-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew għall-importazzjoni.

Kaxxa I.27: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew għall-importazzjoni.

Kaxxa I.28: *l-identità tad-donatur* għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tkun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 u għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għall-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar.

▼B

PAJJIŻ **Semen mill-bovini – Taqsima B**

Parti II:

(1) Aqta' kif meħtieġ

(2) Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/630/EU biss

(3) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu dwar il-Bluetongue tal-Manwal dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

**** Għandhom jintużaw biss mill-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti.

*** Għandhom jintużaw biss mill-Awstralja u mill-Istati Uniti.

** Għandhom jintużaw biss mill-Kanada.

* Għandhom jintużaw biss mill-Kanada.

Veterinarju uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tal-firma u t-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

▼M3

TAQSIMA C

Il-mudell 3 — Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu fiha ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini miġbur, proċessat u maħżun skont id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, u ta' stokkijiet ta' semen miġbur, proċessat u maħżun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 88/407/KEE li japplikaw sal-1 ta' Lulju 2004, u importat wara l-31 ta' Diċembru 2004 skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/43/KE, li ntbagħat minn ċentru tal-ħażna tas-semen

IL-PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar il-konsenja mibgħuta

I.1. Il-Kunsinnatur L-Isem L-indirizz In-numru tat-telefown	I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
	I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali	
	I.4. L-awtorità kompetenti lokali	
I.5. Id-destinatarju L-Isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-numru tat-telefown	I.6. Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE L-Isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-numru tat-telefown	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini / Il-kodiċi ISO / I.8. Ir-reġjun tal-oriġini / Il-kodiċi	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni / Il-kodiċi ISO / I.10. Ir-reġjun tad-destinazzjoni / Il-kodiċi	
I.11. Il-post tal-oriġini L-Isem / In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz	I.12. Il-post tad-destinazzjoni L-Isem L-indirizz Postal code	
I.13. Il-post tat-tagħbija	I.14. Id-data tat-tluq	
I.15. Il-mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji	I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE	
	I.17. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi HS): **05 11 10**	
		I.20. Kwantità
I.21.		I.22. L-għadd ta' pakketti
I.23. In-numru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐		
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz / Il-kodiċi ISO	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (isem xjentifiku) / L-identità tad-donatur / Id-data tal-ġbir / Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru / Kwantità		

▼M3

IL-PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**	**II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat**	**II.b.**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ta' ....., hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

(isem il-pajjiż esportatur) ([2])

II.1 Iċ-ċentru ([3]) deskritt fil-Kaxxa I.11. fejn inħażen is-semen għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

II.1.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(2) tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.1.2. jitħaddem u jiġi sorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II(2) tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE.

II.2. Is-semen għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

II.2.1. inġabar, ġie proċessat u nħażen għal perjodu minimu ta' 30 jum eżatt wara l-ġbir f'ċentru approvat tal-ġbir tas-semen([4]) li jitħaddem u jiġi sorveljat skont il-Kapitolu I(1) u l-Kapitolu II(1) tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE, u

([1]) *jew* [jinsab fil-pajjiż esportatur;]

([1]) *u/inkella* [jinsab fi ..... ([2]), u ġie importat fil-pajjiż esportatur f'kundizzjonijiet li huma stretti mill-anqas daqs dawk għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen tal-ispeċi tal-bovini skont id-Direttiva 88/407/KEE;]

II.2.2. twassal saċ-ċentru deskritt fil-Kaxxa I.11 f'kundizzjonijiet li huma stretti mill-inqas daqs kif deskritt fi:

([1]) *jew* [Il-mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE ([5]);]

([1]) *u/inkell* [Il-mudell 2 fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE ([5]);]

([1]) *u/inkell* [Il-mudell 3 fit-Taqsima C tal-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE ([5]);]

II.2.3. inħażen f'kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini tad-Direttiva 88/407/KEE;

[II.2.4. intbagħat fil-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat f'kundizzjonijiet konformi mad-Direttiva 88/407/KEE u jġorr in-numru deskritt fil-Kaxxa I.23.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6.: *Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE* trid timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu.

Kaxxa I.11.: *Il-post tal-oriġini* għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ħażna tas-semen tal-konsenja ta' semen.

Kaxxa I.12.: *Il-post tad-destinazzjoni* trid timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu.

Kaxxa I.17.: *In-numru/i taċ-ċertifikati oriġinali relatati* għandhom jikkorrispondu man-numru/i tas-serje tad-dokumenti uffiċjali individwali jew taċ-ċertifikati tas-saħħa li akkumpanjaw lis-semen deskritt hawn fuq miċ-ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tiegħu saċ-ċentru deskritt fil-Kaxxa I.11. Il-verżjoni(jiet) oriġinali ta' dawk id-dokumenti jew iċ-ċertifikati jew il-kopji ffirmati uffiċjalment tagħhom iridu jinhemżu ma' dan iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.22.: *L-għadd ta' pakketti* għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23.: *L-identifikazzjoni tal-kontenitur* u *n-numru tas-siġill* għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26.: Niżżel skont jekk iċ-ċertifikat ikunx ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.27.: Niżżel skont jekk iċ-ċertifikat ikunx ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.28.: *L-identità tad-donatur* għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata f'dan il-format: jj/xx/ssss.

In-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen.

Parti II:

([1]) Ħassar fejn hemm bżonn.

([2]) Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE biss.

([3]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen elenkati skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fil-websajt tal-Kummissjoni biss http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm.

▼M3

IL-PAJJIŻ **Semen tal-bovini – Taqsima C**

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**	**II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat**	**II.b.**

([4]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen elenkati skont l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fil-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm;
http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm.

([5]) Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE biss u l-Istati Membri tal-UE.

([6]) Il-verżjoni(jiet) oriġinali ta' dawk id-dokumenti jew iċ-ċertifikati tas-saħħa jew il-kopji ffirmati uffiċjalment tagħhom li akkumpanjaw lis-semen deskritt hawn fuq miċ-ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tiegħu saċ-ċentru approvat tal-ħażna tas-semen, tas-semen mibgħut deskritt fil-Kaxxa I.11 iridu jinhemżu ma' dan iċ-ċertifikat.

— Il-kulur tal-firma u t-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Id-data: Firma:

Timbru:

▼B

PARTI 2

Noti ta' spjegazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur, skont il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness II.

Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jitlob rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni addizzjonali, għandhom jiġu inkorporati wkoll fil-forma oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li dawk ir-rekwiżiti jkunu ntlaħqu.

(b) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jikkonsisti minn folja waħda, jew fejn ikun meħtieġ iktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jkunu parti minn unità waħda integrata u jkunu indiviżibbli.

(c) Meta ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jiddikjara li ċerti stqarrijiet għandhom jinżammu kif xieraq, l-istqarrijiet irrilevanti, jistgħu jinqatgħu barra u jiġu ttimbrati u mmarkati bl-inizjali tal-uffiċjali li jiċċertifika, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.

(d) Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jitfassal b'tal-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-post fejn issir l-ispezzjoni mal-fruntiera, fejn tiġi introdotta l-kunsinna fl-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ taċ-ċertifikat bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor, u li jkun akkumpanjat, jekk neċessarju, minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti fil-kunsinna (skeda fil-Kaxxa I.28 tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali), jinthemżu karti addizzjonali maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, dawk il-folji għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bħala parti mill-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-uffiċjali li jiċċertifika, fuq kull folja.

(f) Meta ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija f'(e), ikun fih iktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tingħata numru (numru tal-paġna) minn (numru totali ta' paġni), fil-qiegħ ta' kull paġna u jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat mogħti mill-awtorità kompetenti, fuq nett ta' kull paġna.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela u jiġi ffirmat minn veterinarju uffiċjali, fl-aħħar jum ta' ħidma qabel it-tagħbija tal-kunsinna għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE ([1]).

Il-kulur tal-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak tal-kliem stampat fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal timbri għajr dawk li jkunu intaljati jew dawk li jidhru kontra d-dawl.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, fejn din tiġi introdotta fl-Unjoni Ewropea.

(i) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-Kaxxa I.2. u Kaxxa II.a. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur.

([1]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.